# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 10**

**Rikors numru 1177/18 MCH**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 3949/2018 fl-ismijiet:**

**Dr Ivan Gatt bhala mandatarju specjali ta' Vadym Gurzhos**

**v.**

**Antoine Bartolo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Antoine Bartolo tas-27 ta' Novembru, 2018, li jaqra hekk:

> "Illi fid-19 ta' Novembru 2018 huwa gie nnotifikat bl-ittra ufficjali 3949/18 intiza sabiex tirrendi ezegwibbli *'promissory note'* datata 22 ta' Frar 2017 (DOK B ma' l-istess ittra).
>
> "Illi l-esponent qieghed iressaq l-odjern rikors ai termini tal-Artiklu 253(e), u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik l-istess *promissory note*.
>
> "Illi dan qed isir ghas-segwenti ragunijiet gravi u validi kif trid il-ligi.

"1) **In-Nullità tal-*promissory note* datata 22 ta' Frar 2017 fil-forma taghha**

"Illi jigi umilment sottomess illi sabiex *promissory note* tkun valida fil-ligi, l-Artiklu 261 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta jezigi, taht piena ta' nullità, illi *promissory note* ghandu jkollha:

"a) id-data;
"b) l-ammont li ghandu jithallas;
"c) l-isem tal-persuna li favur taghha jew ghall-ordni taghha huwa ffirmat;
"d) iz-zmien li fih ghandu jsir il-hlas u
"e) il-valur moghti fi flus, f'merkanzija, b'akkont jew xort'ohra.

"Illi minn qari akkurat tal-*promissory note* annessa bhala DOK B ma' l-ittra ufficjali, jirrizulta car illi r-rekwizit 'd' hawn fuq elenkat huwa mankanti.

"Illi l-*promissory note* tat-22 ta' Frar 2017 imkien ma tghid jew issemmi *'iz-zmien li fih ghandu jsir il-hlas'.*

"Illi dan in-nuqqas jirrendi DOK B mal-ittra ufficjali *'mhux' promissory note* skond il-ligi u kwindi tigi inapplikabbli l-procedura ai termini tal-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi jekk, bl-applikabilità tal-Artiklu 260 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat noe jeceppixxi illi l-hlas qed jintalab *'a vista',* allura ghandha *"tithallas malli tigi pprezentata"* kif irid l-Artiklu 173 tal-Kap 13, jinghad illi l-Artiklu 173 ighid aktar.

"Illi l-Artiklu 173 irid illi l-*promissory note* tkun *"migbuda a vista".* Bl-ingliz, *"expressed to be payable at sight".* Jigi umilment sottomess illi 'DOK B', il-*promissory note* tat-22 ta' Frar 2017, ma hix *'migbuda a vista'*, *nowhere does it so expressly state*.

"U jekk kif trid il-ligi, ossia, illi *"a bill/promissory note expressed to be payable at right"* tithallas malli tigi pprezentata, bl-istess mod huwa inapplikabbli l-Artiklu 172(a), ossia il-hlas *'a vista'* – gia la darba dan ma tghidux il-*promissory note de quo*.

"Kwindi, fin-nuqqas tal-espressjoni cara u inekwivoka fuq il-*promissory note* li tista' tithallas *'a vista'* u fin-nuqqas tad-data kif trid l-Artiklu 261 tal-Kap 13, ma jifdalx triq ohra ghajr illi jigi dikjarat illi l-*promissory note de quo* hija mankanti element necessarju ghal validità taghha, u kwindi l-impossibilità illi din il-*promissory note de quo* tigi reza ezekuttiva ai termini tal-procedura mehuda.

"2) **Dokument simulat li jirrendih null**

"Illi huwa pacifiku jinghad, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell[1] illi "kambjala jew *promissory note ma tohloqx novazzjoni u meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obligazzjoni originali".*

"Illi *'azzjoni fuq kambjala' (promissory note)* bejn il-partijiet li harrgu l-istess ma tistax timxi wahedha minghajr referenza ghall-ftehim li wassal ghall-hrug taghha.[2]

"Dan maghdud u stabbilit huwa ghalhekk illi din il-*promissory note* 'DOK B' trid bilfors tinqara u tigi meqjusa fil-kuntest tat-transazzjoni bejn il-partijiet, ghall-ftehim ta' bejn il-partijiet.

"Il-*promissory note de quo* hija simulata ghaliex bejn il-partijiet ma hemmx ftehim, ma hemmx transazzjoni.

"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili[3], fil-Kaz Galea vs Bugeja et (08 ta' Gunju 1992), iddikjarat illi kuntratt mertu ta' dik il-pendenza kien simulat ghaliex fi kliemha:

*Minn din l-analizi tal-fatti, cirkostanzi u xhiedha l-Qorti tikkonkludi li Bugeja ma kien issellef xejn minn ghand Dr. Fenech u kollox kien fittizju…".*

"Illi hawnekk ukoll, l**-esponent ma ssellef xejn** minn ghand l-intimat u kollox huwa fittizju, kif u ghar-ragunijiet hawn that spjegati.

"Illi jigu spjegati s-segwenti fatti li qed jigu gguramentati.

"a. L-esponent kien impjegat ta' Worldfone 1 Company Limited.

"b. Bhalu kien hemm numru iehor ta' mpjegati.

"c. Alu Idea Co. Ltd hija l-majority *shareholder* fis-socjetà Worldfone 1 Company Limited (**vide DOK I**).

"d. Alu Idea Co. Ltd hija ta' Grenberg Investments Limited (socjetà inkorporata barra minn Malta), (**vide DOK II**) li hija kumpanija ta' Vadym Gurzhos, f'dawn il-proceduri rapprezentat minn Dr. Ivan Gatt.

"e. Vadym Gurzhos ifforma kumpanija ohra bl-isem ta' IOT Fabrix Co. Limited (C-82588) u fuqha pogga lill-esponent Antoine Bartolo bhala azzjonist u direttur (**vide DOK III**). Antoine Bartolo qatt ma hareg centezmu wiehed fuq din il-kumpanija imma kellu struzzjonijiet cari minn Vadym Gurzhos biex biha, (IOT), jaghlaq negozji ma' terzi (Hili).

[1] **Patrick Staines vs Bernard Sullivan et** (2000) Vol LXXXIV.975
[2] Qorti tal-Kummerc – **Scicluna vs Vella** – 18 ta' Marzu 1965
[3] **Galea vs Bugeja et** (08 ta' Gunju 1992)

L-esponent kien fdat hafna mill-istess Gurzhos. Konsegwentement Gurzhos ried illi, jekk u meta in-negozju msemmi mat-terzi jinghalaq, il-haddiema ta' Worldfone jinqallbu fuq IOT u tibqa' topera IOT, ghaliex ried bil-mod il-mod jehles mill-kumpannija Worlfdone.

"f. Illi qed tigi annessa sensiela ta' korrispondenza bejn il-partijiet mmakrata **DOK IV** li tikkonferma appuntu kif IOT Fabrix kienet effettivament ta' Gurzhos u li dak li kien qed jaghmel Antoine Bartolo biha, ossia, negozjati ma' Hili, kien kollu ghal Gurzhos, tant illi kien jitlob dejjem il-kunsens tieghu u d-direzzjoni tieghu fil-konfront tal-istess kumpannija.

"g. In-negozju mat-terzi sfaxxa u Gurzhos ma baqax jissostanzja finanzjarjament lill-kumpanija IOT u lanqas lil Worlfone. Izda l-haddiema ta' Worldfone riedu jithallsu. L-esponent, li kien impjegat bhala CEO ta' Worldfone u li f'ghanjejn il-ligi kien ser jihdol rsponsabbli ghall-hlas tal-pagi tal-haddiema, talab lil Gurzhos flus biex jithallsu l-pagi tal-haddiema tal-kumpannija Worldfone, li l-*ultimate beneficial owner* taghha huwa appuntu Gurzhos.

"h. Gurzhos gharaf illi kellu jaghmel dan, u hekk ghamel fi Frar 2018 (irid jinghad illi d-data fuq il-promissory note hija zbaljata u t-transazzjoni ma sehhitx, kif juru d-dokumenti annessi, fi Frar 2017, izda fi Frar 2018) biex jithallsu l-pagi tal-haddiema ta' Worldfone u ddeposita s-somma ta' €30,000 ghand Antoine Bartolo sabiex imbaghad mil-kumpanija IOT Fabrix Company Limited, jithallsu il-pagi tal-haddiema ta' Worldfone.

"i. Illi jrid jinghad illi l-flus ma gewx depositat fil-kumpannija Worldfone ghal zewg ragunijiet principali, ossia (i) Gurzhos kellu f'mohhu illi f'dak l-istess perjodu jaghti s-sensji lill-istess haddiema illi kellhom jithallsu u ma ridx illi jkun hemm cash input fil-kontijiet tal-kumpannija, imma ukoll (ii) illi kien hemm xi sekwestri mal-Banek fuq il-kontijiet ta' Worldfone u allura kien inutili illi l-flus ta' Gruzhos, mhux ghalija imma ghal pagi tal-haddiema ta' Worldfone jitpoggew f'kont ssekwestrat.

"j. Illi minn **DOK V** jirrizulta illi fi tlett pagamenti fis-26 u fis-27 ta' Frar 2018 ghaddew EUR25,000 fil-kont ta' IOT fi tlett pagamenti intestati lkoll *SVWZ+IOT Fabrix Loan*. Il-flus ghaddew ghand il-kumpannija IOT Fabrix u mhux ghand Antoine Bartolo kif erronjament tghid il-*promissory note*.

“k. Minn hemm thallsu l-haddiema ta’ Worldfone (vide **DOK V**), seba` jew tmienja b’kollox.

“l. Illi minflok ma sar ftehim mas-socjetà IOT Fabrix, saret dik il-*promissory note* fuq isem Antoine Bartolo personalment - haga li ma kelliex issir u ghalhekk illi hija simulata. Ghaliex kieku kellha tigi reza ezekuttiva dik il-promissory note, allura jkun ifisser illi l-pagi tal-haddiema indikati f’DOK IV ikunu thallsu minn Antoine Bartolo u mhux mill-kumpannija Worldfone.

“m. Illi di fatti IOT Fabrix, immedjatament harrget korrispettiva *invoice* lil Worldfone ghall-pagi mhallsa lill-haddiema ta’ Worldfone (**vide DOK VI**), li tmur biex tkompli tixhed kemm Antoine Bartolo, kuntrarjament ghal dak erronjament indikat fil-*promissory note*, **ma ssellifx flus u ma hafx flus ghalih**. Il-flus riferibbli fil-*promissory note* marru ghand biex jithallsu l-haddiema tal-kumpannija Worldfone, li taghha l-azzjonist principali huwa l-istess Gurzhos permezz ta’ kumpannija estera u kwindi, jekk jenforza il-*promissory note* ikun qieghed biss jirkupra b’mod indebitu fondi illi qatt ma kienu jew ghandhom ikunu ghalih. Ghalhekk hija simulata dik il-*promissory note*.

“n. Illi qed jigi esebit ukoll estratt minn messaggi mibghuta bejn il-partijiet mmarkat **DOK VII** li huwa appuntu xhiedha illi l-kumpannija IOT Fabrix hija ta’ Gurzhos tant illi jilmenta illi f’sitt xhur nefaq fuqha EU300,000 biex jinghalqu n-negozjati ma’ Hili u tipprova ukoll id-diskors bejn il-kontedenti fis-sens illi l-haddiema ta’ Worldfone kienu qed jistennew il-pagi u li Gurzhos kellu jiehu decizjoni dwar dak, bl-esponent jinsisti ma’ Gurzhos illi l-pagi kellhom jithallsu skond il-ligi.

“o. Ghalhekk, bhal fil-kaz hawn fuq citata **Galea vs Bugeja**, ghandu jirrizulta car illi self bejn il-kontendenti ma kienx hemm, illi l-*promissory note* hija fittizja u illi Gurzhos qed jittenta jithallas flus li mhux dovuti lilu, u li thallsu minnhu ghax hekk kien jispetta biex ihallas pagi ta’ haddiema ta’ kumpannija tieghu. Ghaliex jekk tigi enforzata il-*promissory note*, allura ir-rizultat finali jkun arrikkiment indebitu ghal Gurzhos u b’Antoine Bartolo personalment jigi illi hallas il-pagi tal-haddiema ta’ kumpannija Worldfone li taghha huwa kien biss impjegat.

“Illi allura, bil-fatti kif esposti hawn fuq, u kif l-esponent ghad jikkonferma bil-gurament tieghu, jirrizulta car illi ma kien hemm ebda transazzjoni ta’ self bejn il-kontendenti, sew inoltre’ kwalsiasi transazzjoni ohra. It-transazzjoni effettiva sehhet bejn Gurzhos u

IOT Fabrix Co. Ltd kif dokumentat, u huwa aktar minn car u evidenti illi l-flus riklamati minn Dr. Gatt noe ma hadhomx l-esponent, izda marru ghall-pagi tal-haddiema ta' Worldfone, kumpanija li taghha l-ultimate beneficial owner huwa l-istess Gurzhos. Ghalhekk huwa car u evidenti illi l-*promissory note* in kwistjoni hija fazulla, fittizja u simulata.

"**Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet premessi, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni tal-*promissory note* annessa ma' l-ittra ufficjali 3949/18 tas-7 ta' Novembru 2018 ai termini tal-Artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent."

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Ivan Gatt *nomine* li in forza taghha eccepixxa:

"Illi in linea mal-fakulta moghtija lill-esponenti permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti moghti fl-4 ta' Dicembru, 2018, l-esponenti ser tghaddi sabiex jaghmel ir-risposta tieghu;

"Illi l-konvenut ipprezenta rikors ai termini tal-Artikolu 253(e) sabiex din l-Onorabbli Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-promissory note in kwistjoni fuq il-bazi ta' zewg ragunijiet, liema ragunijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu dak allegat mill-konvenut fir-rikors tieghu;

"Illi l-konvenut ecepixxa n-nullita` tal-*promissory note* fil-forma taghha;

"Illi dwar dan, kif diga` saret referenza ghalihom mill-konvenut stess, l-esponenti jishaq illi bl-applikabilita` tal-Artikolu 260, l-Artikolu 172 u l-Artikolu 173 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta l-*promissory note* tista' tithallas 'a vista';

"Illi madankollu, il-konvenut isostni li fin-nuqqas tal-espressjoni cara u inekwivoka fuq il-*promissory note* li tista' tithallas 'a vista', l-istess *promissory note* hija mankanti element necessarju ghal validita` taghha;

"Illi din l-eccezzjoni hija infondata peress illi l-konvenut jonqos milli jaghmel referenza ghall-Artikolu 180 tal-Kap. 13 fejn il-ligi tipprovdi ghal kazijiet fejn iz-zmien ghall-hlas ma jkunx gie iddikjarat espressament u tiddikjara b'mod car 'Jekk ma jkunx gie indikat xi wiehed miz-zminijiet imsemmija fl-artikolu 172, il-kambjala tithallas 'a vista'";

"Illi ghalhekk, ladarba l-*promissory note* tkun miftuha, billi ma tinkludix iz-zmien tal-hlas jew skadenza ta' hlas specifika, skont l-Artikolu 260 u l-Artikolu 180 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, li mbaghad jirreferu ghall-Artikolu 172 u l-Artikolu 173 tal-Kodici Kummercjali, l-esponenti jista' jithallas l-ammont dovut lilu, 'a vista' u cioe` fuq talba malli tigi pprezentata l-*promissory note de quo*;

"Ghaldaqstant, il-*promissory note de quo* ghandha l-elementi necessarji kollha ghal validita` taghha u kwindi ghandha tigi reza' ezekuttiva fil-konfront tal-konvenut;

"Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut allega li d-dokument kien simulat;

"Illi din ir-raguni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ftehim maghmul bejn il-partijiet fil-*promissory note de quo* huwa car u meta l-kl9iem ta' konvenzjonji, mehud fis-sens ki ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni;[4]

Illli r-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma kollha prezenti u l-istorja li qed jipprova jibni l-intimat madwar dan id-dokument huma kollha allegazzjonijiet infondati kemm fil-fatt u kemm fil-ligi; u dan anke kif jirrizulta mid-dokumenti prezentati minnu stess fejn jidher li somom ta' flus dahlu direttament fil-kont tal-intimat personali. Fatt li jikkntradixxi dak kollu li qed jallega l-intimat;

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku dak li qed jghid il-konvenut huwa minnu, Vadym Gurzhos kien jiddeposita l-flus direttament fil-kontijiet tas-socjera` IOT Fabrix, mhux fil-kontijiet tas-socjeta` Worldfone u specjalment mhux fil-kontijiet tal-konvenut;

"Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost hekk ghal-argument il-*promissory note* hija simulata u kif anke l-intimat stess allega kien konpartecipi f'din is-simulazzjoni, ma jistax issa f'dan l-istadju jitlob in-nullita` huwa stess ta' dokument li konsapevolment gie redatt bi ftehim bejn il-partijiet;

"Kwindi ma hemm ebda lok u lanqas cirkostanza b'gustifikazzjoni legali ghat-talba tal-konvenut ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-*promissory note*;

"Illi ghalhekk is-elf tas-somma ta' hams au ghoxrin elf Euro (€25,000) mislufa lill-konvenut minn Vadym Gurzhos skond il-*promissory note* datata 22 ta' Frar, 2017 oltre l-imghaxijiet mill-jum li fih rcevejt is-self, sal-pagament effettiv ghandhom jigu mroddin lura lill-Vladym Gurzhos u l-ittra ufficjali bin-numru 3949/2018 ai termini ta' l-Artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-

[4] Artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta

> konfront tal-konvenut sabiex il-kreditu vantat mill-mittenti fil-konfront tal-konvenut ikun ezegwibbli minnufih;
>
> "Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponent huwa tal-fehma illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tal-konvenut.
>
> "Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti."

Rat id-decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Dicembru, 2018, fis-sens li gej:

> "Tichad it-talba ta' Antoine Bartolo billi fl-ewwel lok l-artiklu 180 tal-Kap 13 jghid li meta ma jkunx hemm dikjarazzjoni espressa taz-zmien tal-hlas, dan ghandu jsir 'a vista' u fit-tieni lok il-promissory note hi cara u prima facie turi l-intendiment tal-partijiet. Jekk ir-rikorrent iqis li l-ammont dovut mhux realment dovut, allura hu liberu li jiehu l-passi legali li jidhirlu izda l-promissory note tibqa' valida ghall-finijiet ta' dak kontenut fiha u debitament accettata mill-parti li ffirmatha."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Antoine Bartolo li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti:

> "tilqa' dan l-appell u konsegwentement thassar id-digriet appellat tat-18 ta' Dicembru 2018, fl-ismijiet premessi u tilqa' ir-rikors tal-appellant ghas-sospensjoni datat 27 ta' Novembru 2018.
>
> "Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent."

Rat ir-risposta ta' Dr Gatt *nomine* li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi l-appell interpost huwa null u bla effett u ghalhekk ghandu jigi michud;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi b'din il-procedura, ir-rikorrent Antoine Bartolo, ressaq rikors ai termini tal-Artikolu 253 ( e ) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn talab is-sospensjoni ta' *promissory note* mahruga mir-rikorrent a favur Vadym Gurzhos ghas-somma ta' €30,000. Ir-rikorrent jallega li n-nota mhux valida ghax jonqosha dettall rikjest fl-Artikolu 261 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta), senjament, iz-zmien li fih ghandu jsir il-hlas, u inoltre jissottmetti li n-nota mhux veritiera u hi simulata ghax hu qatt ma kien debitur tal-imsemmi Vadym Gurzhos.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba wara li osservat li dwar in-nuqqas ta' data, jissupplixxi l-Artikolu 180 tal-Kodici tal-Kummerc, li jghid li f'kaz ta' kambjala, in-nuqqas ta' data ggib li l-hlas ghandu jsir "*a vista*". (Din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 260 tal-istess Kodici jiddisponi li l-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kambjali, japplikaw ghall-*promissory note*). L-ewwel Qorti qalet ukoll illi n-nota hija cara u *prima facie* enforzabbli ghax turi l-intendiment tal-partijiet.

Ir-rikorrent appella mill-provvediment u ressaq l-istess aggravji li ressaq quddiem l-ewwel Qorti. Qabel ma titratta l-appell din il-Qorti trid tiddetermina l-eccezzjoni ta' irritwalita` tal-appell li giet sollevata mill-intimat appellat (din fil-fatt hija l-unika eccezzjoni li giet sollevata). Dan l-aggravju huwa marbut mal-fatt, li fit-terminu tal-Artikolu 253 (e) tal-imsemmi Kap. 12, digriet fuq talba simili ma jkunx appellabbli. Dan, pero`, jghodd, kif tghid l-istess ligi, jekk id-digriet jilqa' t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tan-nota u mhux jekk jichadha. Dan gie spjegat minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Pecorella v. Sovereign Caterers Ltd et** deciza fit-3 ta' Frar, 2012, fejn intqal hekk a propositu ta' argument simili:

> "*7. Din il-qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-intimat. Il-liġi tgħid espressament illi ma jkunx appellabbli d-dikriet li jissospendi l-eżekuzzjoni; a contrario sensu, id-dikriet li jiċħad it-talba għas-sospensjoni huwa appellabbli. U dan jagħmel ħafna sens. Il-proċedura taħt il-proviso għall-art. 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma hijiex maħsuba biex tingħata deċiżjoni finali fuq il-validità tat-titolu, iżda biss biex, jekk tirnexxi, tissospendi l-eżekuzzjoni tiegħu. Jekk is-sospensjoni tingħata, il-kreditur ikollu rimedju għax jista', kif tgħid il-liġi stess, jipproċedi b'kawża għall-kanonizzazzjoni tat-titolu tiegħu. Jekk iżda s-sospensjoni ma tingħatax, u titħalla li ssir l-eżekuzzjoni, id-debitur jibqa' bla rimedju wara proċedura li tkun qieset biss jekk prima facie għandux raġuni tajba biex jopponi l-eżekuzzjoni. Għalhekk huwa xieraq illi f'dawk iċ-ċirkostanzi d-debitur ikollu għall-inqas jedd ta' appell*".

Fl-istess sens hija d-decizjoni li tat din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Pater Finance Co. Ltd. v. Schembri et** deciza fit-28 ta' Settembru, 2012.

L-aggravju marbut mal-unika eccezzjoni tal-intimat Dr Gatt *nomine* hi, ghalhekk, michuda.

Fil-kuntest tal-aggravji fil-meritu, ir-rikorrent jibda biex jilmenta mill-fatt li ma giex akkordat smigh orali mill-ewwel Qorti li ddecidiet il-kaz fuq l-atti wara li rat ir-rikors u r-risposta relattiva. Din il-Qorti trid tosserva li f'dan il-kaz, ma hemmx obbligu fuq qorti li tircievi rikors simili li taghmel seduta ghall-provi u/jew sottomissjonijiet tal-partijiet. Il-procedura tinbeda b'rikors u mhux b'rikors guramentat, u jekk il-ligi ma timponix smigh orali, mhux rikjest li tinzamm seduta. Trid tosserva, pero`, li hafna drabi jkun desiderabbli li tinzamm seduta imqar biex il-partijiet jelaboraw fuq il-kwistjoni quddiem il-qorti, biex din tkun certa li qed tifhem sew il-pozizzjoni li jkunu qed jiehdu l-partijiet, u r-rikorrent ikollu l-opportunita` jwiegeb ghal dak sottomess fir-risposta mill-parti l-ohra. In vista tal-fatt, pero`, li ma hemmx dan l-obbligu, id-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dan il-kaz ma tistax titqies nulla.

Fir-rigward tat-tieni aggravju marbut man-nuqqas, fuq in-nota, taz-zmien ta' meta kellu jsir il-hlas, din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti, li ghal dan in-nuqqas tissupplixxi l-istess ligi. Ir-regoli kummercjali applikabbli ghall-kaz jiddisponu li f'kaz li ma jigix indikat meta jkollu jsir il-hlas, in-nota ssir pagabbli '*a vista*', jigifieri meta d-debituri jigi muri l-istess nota u mitlub ihallas. Kwindi, ma jistax jinghad li f'dan il-kaz l-

istess nota hija monka jew nieqsa minn xi element essenzjali ghall-validita` taghha. Ma hemmx ghalfejn li fin-nota jinghad espressament li hi pagabbli '*a vista*' ghax il-ligi stess tipprovdi li jkun hekk f'kaz ta' nuqqas ta' xi indikazzjoni ta' meta kellu jsir il-hlas.

Dan l-aggravju hu, ghalhekk, michud.

Fl-ahhar nett, ir-rikorrenti jghid li hu ghandu ragunijiet ohra gravi u validi biex jopponi dik l-ezekuzzjoni. Hu car li hawnhekk il-ligi mhux tippretendi li l-qorti adita b'rikors simili tidhol biex tezamina *funditus* il-validita` o meno tar-ragunijiet ghall-oppozizzjoni. Li trid tara l-Qorti hu jekk dawk ir-ragunijiet, almenu *prima facie*, jimmeritawx ezami u trattazzjoni fid-dettall. Kif osservat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Pavia v. Anastasi** deciza fl-20 ta' Marzu, 2019, ma tidholx fil-kompetenza tal-Qorti adita b'rikors simili li "*tiddikjara l-kambjala invalida*". Il-kompitu tal-Qorti hu biss biex tara jekk ir-rikorrenti ghandux, biex tintuza' frazi solitu uzata f'kuntest differenti; *probabilis causa litigandi*. Jekk jirrizulta dan, l-ezekuzzjoni tan-nota trid tigi sospiza bil-kreditur ikollu jiftah kawza ordinarja biex jitlob il-kanonizzazzjoni tal-kreditu minnu pretiz.

Issa, f'dan il-kaz, l-intimat jirreferi ghall-diversi sentenzi tal-qrati taghna li jindikaw li kambjala trid tithallas "*on the face of it*", minghajr referenza

ghan-negozju li wassal ghall-hrug taghha. Din, pero`, mhux pozizzjoni fissa.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Giordimaina v. Pace et** deciza fis-16 ta' Jannar, 2003, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:

> "Din il-Qorti tried tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girgata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali".

Saret ukoll referenza ghall-diversi sentenzi tal-qrati taghna fl-istess sens. (Din is-sentenza giet ikkonfermata minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2006, ghalkemm fuq dan il-punt naqset li tesprimi ruhha).

Hekk ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Saliba v. Cachia** deciza fl-14 ta' Frar, 2019, osservat illi "*il-kambjala baqghet ma gietx girata, il-Qorti ma tistax twarrabha ghal kollox mill-qafas li fih inharget u ghall-liema obbligazzjoni jew kuntrattazzjoni tirreferi*" (ara wkoll **Spiteri v. Marsaxlokk Football Club** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu, 2018).

Fil-kawza **Zammit v. Mifsud**, deciza wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu, 2014, gie osservat illi:

> "*Izda hu pacifiku li r-rilaxx ta' kambjala m'ghandux l-effett ta' novazzjoni bejn il-partijiet u l-obbligazzjoni kambjarja tezisti kontemporanjament mal-obbligazzjoni sottostanti u skont id-dottrina, eccezzjonijiet ex causa huma ammissibbli fejn il-kreditur u d-debitur fuq il-kambjala huma l-istess li ikkontrattaw in-negozju guridiku sottostanti.* ***Torrente*** *jispjega din l-opinjoni tieghu billi jghid "La legge non ha spinta a tal punto l'astrattezza fino a costringermi a pagare e poi a promuovere l'azione d'indebito contro il creditore. La astrattezza funzione, cioe` sotlanto nei confront di terzi".*

Fl-istess sens huma fost ohrajn sentenzi li nghataw wahda fis-6 ta' Gunju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Medairco Ltd v. ACK Ltd** u, ohra fil-31 ta' Lulju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Pullicino v. Camilleri**, it-tnejn decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;  hemm ukoll il-kawza fl-ismijiet **Drivetec (Malta) Ltd v. Agius**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Settembru 2015.

Ghalhekk, *promissory note* ma tistax timxi wahedha minghajr referenza ghall-ftehim li wassal ghall-hrug taghha.  Issa, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti ta bizzejjed indikazzjonijiet li juru li, almenu *prima facie*, hemm xi tghid fuq dak li wassal ghall-hrug tan-nota in kwistjoni.  Din il-Qorti ma tridx tesprimi ruhha fuq il-meritu tal-kaz, izda minn dak li wera r-rikorrenti huwa car li hu mehtieg ezami aktar profond tar-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti.  Saru diversi allegazzjonijiet li mhux kemm taqbad u twarrabhom bhala vessatorji jew inveritieri, u l-kaz jimmerita trattazzjoni aktar prodonda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Antoine Bartolo billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Dicembru, 2018, u tghaddi biex minflok, a tenur tal-*proviso* ghall-Artikolu 253 (e) tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi l-ezekuzzjoni tal-*promissory note* in kwistjoni.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-appellat intimat Dr Ivan Gatt nomine.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/gr